MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Numru. 195/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Sandro Schembri Adami**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Sandro Schembri Adami ta' 43 sena bin Franz u Yvonne nee' Brincat, imwieled Attard fil-25 ta' Awwissu 1963 u residenti 15, Flat 17, Triq id-Dejqa, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' numru 488863(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fit-12 ta' April 2004 u fi zminijiet ta' wara, fil-Belt Valletta, fil-kapacita' tieghu ta' nutar, fil-konfront ta' Emanuel Joseph sive Melovan Galea, Emanuel Galea u

Antonia Zammit b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda :

2. Ghamel uzu hazin, jew seraq flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba il-kariga jew impjieg tieghu.

3. Taht l-istess cirkustanzi, fil-kapacita’ tieghu ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b’ taghkis jew bi hsara ta’ haddiehor.

4. Taht l-istess cirkustanzi kkommetta tali reat, filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b’ hekk sar hati ta’ reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

5. Taht l-istess cirkustanzi, b’ mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ Lm1540 bi hsara ta’ Emanuel Joseph sive Melovan Galea, Emanuel Galea, Antonia Zammit u/jew tal-Gvern ta’ Malta.

6. Taht l-istess cirkustanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ Lm1540 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta’ Emanuel Joseph sive Melovan Galea, Emanuel Galea, Antonia Zammit u/jew tal-Gvern ta’ Malta.

7. Il-Qorti kienet miltuba sabiex f’ kaz ta’ htija, tikkundanna lill-Sandro Schembri Adami ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti f’ dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 12 ta' Novembru 2009 (esebita a fol. 130 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

1) Fl-Artikoli 18 u 127 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
2) Fl-Artikoli 18 u138 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
3) Fl-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
4) Fl-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
5) Fl-Artikoli 17, 18, 23A, 23B, 31, 141 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2009 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat hekk kif registrata fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2010 ghall-akkuzi mmarkati bhala numru tnejn (2), tlieta (3) u erbgha (4).

Rat li fl-imsemmija udjenza tal-15 ta' Marzu 2010 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-akkuzi mmarkati bhala hamsa (5) u sitta (6) inghataw bhala alternattiva ghall-akkuza mmarkata bhala numru tnejn (2).

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputat il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi mmarkati bhala numru tnejn (2), tlieta (3) u erbgha (4) kif minnu ammessi u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi mmarkati numru hamsa (5) u sitta 6) stante li dawn inghataw bhala alternattiva ghall-akkuza mmarkata bhala numru tnejn (2).

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat kellu fedina penali nadifa fid-data li fiha kkommetta r-reati li taghhom qed jinstab hati kif ukoll il-fatt li fil-mori ta' dawn il-proceduri l-imputat hallas lura l-ammont kollu involut lil parti civili u ghalhekk jidrilha li piena karcerarja effettiva ma tkunx idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-12 ta' Novembru 2009 u senjatament l-Artikoli 18, 127, 138, 141, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi mmarkati bhala tnejn, tlieta u erba' migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta' erba' (4) snin millum u multa ta' tlett mitt Ewro (€300). Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi mmarkati bhala hamsa u sitta stante li dawn inghataw bhala alternattiva ghall-akkuza mmarkata bhala numru tnejn.

Barra minn hekk il-Qorti tordna l-interdizzjoni generali u perpetwa tal-imputat ai termini tal-Artikolu 140 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti inoltre tordna li estratt ta' din is-sentenza jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------